A.L. 223 ta' l-2008

ATT DWAR IX-XANDIR
(KAP. 350)

Regolamenti ta' l-2008 li Jemendaw ir-Regolamenti Dwar Ix-Xandir Bir-Radju Diġitali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 16B ta' l-Att dwar ix-Xandir, il-Prim Ministru, bi qbil ma' l-Awtorità tax-Xandir, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom jissejħu r-Regolamenti ta' l-2008 li Jemendaw ir-Regolamenti Dwar Ix-Xandir Bir-Radju Diġitali, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-regolamenti prinċipali.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru, 2008.

Emenda ta' regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-kliem "mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru, 2009" fis-sub-regolament (2) ta' regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-1 ta' Ottubru 2008 sat-30 ta' Settembru 2010".

Emenda għall-Ewwel Skeda tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-kliem "Tista' tapplika għal servizz wieħed biss ta' stazzjon speċjalizzat u sa ħames stazzjonijiet bħalu." fit-Tieni Parti" – Kontenut Ta' Programm Lokali" tar-regolamenti prinċipali għandhom jitħassru.

Emenda għat-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali.

4. It-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "1 ta' Ottubru 2009" fit-tieni paragrafu tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "1 ta' Ottubru 2010";

(b) il-kliem "1 ta' Ottubru 2009 sat-30 ta' Settembru, 2013" fit-tielet paragrafu tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "1 ta' Ottubru 2010 sat-30 ta' Settembru 2014";

(ċ) il-kliem "1 ta' Ottubru 2013" fil-ħames paragrafu tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "1 ta' Ottubru 2014".